MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 477/1998/1

**Mekkanika Limited**

**Vs**

**Direttur tal-Kuntratti u b'digriet tas-27 ta' Ottubru,1999 giet kjamata in kawza l-Universita' ta' Malta.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici premettiet:

Illi kienet inkarigata mill-konvenut, wara l-hrug tas-soliti 'tenders', sabiex taghmel xoghol fil-bini il-gdid tal-Universita' Tal-Qroqq, u xoghol ancillari iehor;

Premess illi dawn ix-xoghlijiet tlestew, u minhabba divergenzi li nqalghu bejn il-partijiet, is-socjeta’ attrici ghad fadlilha tithallas s-somma ta’ tlieta u hamsin elf erba’ mija u sbatax-il lira (Lm53,417) ghas-servizzi, materjal u xoghol li hija ghamlet;

Premess illi nterpellat sabiex ihallas dana l-ammont il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm53,417 fuq indikata ghax-xoghol lilha nkarigat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Novembru, 1997 u bl-imghax skond il-ligi mis-7 ta’ Lulju, 1997 sal-effettiv pagament kontra il-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari

(a) Il-konvenut m’huwiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza stante li l-funzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti hija limitata ghall-hrug, li pprocessar u l-accettazzjoni ta’ offerti, u dan sabiex l-offerti u l-accettazzjonijiet taghhom ikunu konformi mal-Public Service (Procurement) Regulations,1996 (L.N.60 ta’ l-1996). L-esponent, ghaldaqstant, mhux responsabbli ta’ xi xoghol, servizzi jew prodotti li jkunu s-suggett ta’ tali kuntratti.

(b) Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhux il-legittimu kontradittur minhabba li dan il-kuntratt kellhom x’jaqsmu mieghu l-Universita’ ta’ Malta, li hija totalment awtonoma u distinta, u skond l-artikolu 29 ta’ Kap 327 tal-ligijiet ta’ Malta tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti minn flejjez lilha specifikament allokati mill-Parlament, u

ghaldaqstant ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn s-socjeta' attrici u l-konvenut.

1. Illi fil-meritu, u bla pregudizzju ghal premess, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont allegat m'huwiex dovut kif ser jigi spjegat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat **l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza** a fol. 46 fejn eccepiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi fl-ewwel lok l-Universita' m'ghandha l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici;

Illi fit-tieni lok l-ebda 'accelleration costs' ma kienu dovuta billi dawn kienu gew stipulati minghajr id-debita awtorizzazzjoni u fi kwalsijasi kaz ix-xoghol ma tlestiex fit-termini patwiti;

Illi fit-tielet lok s-socjeta' attrici kienet inkorriet diversi penalitajiet fil-kors ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt li jridu jigu detratti mill-ammont reklamat;

Illi fir-raba' lok il-kontijiet tas-socjeta' attrici gew inkorettement ikkalkulati u jridu jonqsu anke billi s-socjeta' attrici naqset li tapplika dak id-'discount factor' li kien gie pattwit bejn il-partijiet.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Eccezzjonijiet**

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qeda' tfittex lid-Direttur tal-Kuntratti ghal hlas ta' kreditu li jirrapprezenta bilanc ta' prezz mhux imhallas ta' xoghol b'appalt imwettaq mis-socjeta' attrici fl-Engineering Department tal-Universita' ta' Malta. Il-konvenut Direttur

tal-Kuntratti eccepixxa li m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-kuntratt in kwistjoni kellha x'taqsam mieghu l-Universita' ta' Malta li hija entita' totalment awtonoma u distinta li skond l-Artikolu 29 tal-Kap. 327 tonora l-obbligazzjonijiet minnha assunti minn flejjes lilha specifikatament allokati mill-Parlament u li l-funzjoni tieghu hija limitata ghall-hrug, processar u accettazzjoni ta' offerti li jkunu nhargu fuq talba ta' korporazzjonijiet jew organizzazzjonijiet pubblici u dan in konformita' mal-Public Service (Procurement) Regulations 1996 (A.L. 70 tal-!996) (fol 8).

Illi permezz ta' digriet tas-27 ta' Ottubru 1999 il-Qorti ordnat il-kjamata in kawza tal-Universita' ta' Malta u dan minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. Il-kjamata in kawza permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha teccepixxi li m'ghandha ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici (fol 46).

**Legittimu Kontradittur**

Illi jrid ghalhekk jigi determinat min mill-konvenut u l-kjamata in kawza effettivament huwa l-legittimu kontradittur in kwantu jirrigwarda l-azzjoni attrici.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fit-8 ta' Novembru 1994 nharget ittra konsistenti f'Acceptance of Tender' (a fol. 13 et seq.) mid-Direttur tal-Kuntratti fejn is-socjeta' attrici giet infurmata li l-offerta' taghha datata 6 ta' Settembru 1994 rigwardanti "supply, delivery, installation and commissioning on site as instructed by the Rector, University of Malta" fl-Engineering Department tal-Universita' kien gie assenjat lilha. Mill-atti jirrizulta wkoll li x-xoghlijiet in kwistjoni saru u li l-Universita' ta' Malta effetwat xi pagamenti.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-Universita' ta' Malta fis-sens li hija m'ghandha ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici jrid jinghad li apparti l-fatt li kif ntqal aktar il-fuq, mill-provi rrizulta li l-Universita' ta' Malta kienet effetwat xi pagamenti in kwantu jirrigwarda x-xoghlijiet li taghhom is-socjeta' attrici

qed titlob il-pagament tal-bilanc tal-prezz, fl-eccezzjonijiet taghha l-kjamata in kawza mkien ma tghid li x-xoghlijiet li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob hlas ma sarux.

Illi l-kwistjoni ta' min huwa l-legittimu kontradittur f'offerti mahruga mid-Direttur tal-Kuntratti fuq talba ta' organizzzazzjoni pubblika giet dibattuta u deciza f'zewg sentenzi ta' din il-Qorti kif diversament preseduta u cioe' f'sentenza tat-2 ta' Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet 'Vassallo Builders Group Limited vs Malta Development Corporation' (Citazzjoni Numru 2592/00JRM) u f'sentenza ohra tat-2 ta' Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Vassallo Builders Limited vs Profs. Rev. Peter Serracino Inglott ghan-nom tal-Universita' ta' Malta" (Citazzjoni Numru 513/1996RCP). F'dawn iz-zewg kawzi l-Qorti ddecidiet li l-'Acceptance of Tender' m'huwiex il-kuntratt tal-appalt izda "jirrapprezrenta stat li jipprecedi l-appalt u distint minnu" (Vassallo Builders Limited vs Profs. Rev. Peter Serracino Inglott noe et). F'din l-ahhar sentenza jinghad hekk:

*"Illi ghalhekk huwa car li wiehed irrid jiddistingwi bejn il-process tas-sejha tal-offerti jew it-tendering process u l-kuntratt ut sic tal-appalt, u ovvjament iz-zewg relazzjonijiet guridici ma humiex l-istess u lanqas identici, u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala il-medisimi; anzi huma stadji ghall-kollox differenti, u cioe' wahda li tikkonsisti fil-procedura determinata li twassal ghall-konkluzzjoni tat-trattativi dwar is-sejha tal-offerti, u l-ohra sostantiva li tikkonsisti fin-negozju proprju li jwassal ghar-relazzjoni guridika attwali, u l-kuntratt finali bejn il-partijiet dwar ix-xoghol, servizzi jew fornitura ta' oggetti rikjesti. Illi din il-kawza titratta proprju dwar r-relazzjoni sostantiva bejn s-socjeta' attrici u l-entita' konvenuta ghall-esekuzjoni tax-xoghol ta' appalt da parte tas-socjeta' attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-entita' konvenuta, li hija ghalhekk l-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni ghall-hlas tal-bilanc dovut konsegwenti ghall-istess xogholijiet.*

Illi fiz-zewg sentenzi appena citati l-Qorti stabbiliet il-korrettezza ta' dak sottomess mill-konvenut Direttur tal-Kuntratti fil-kawza odjerna fis-sens illi mill-A.L. 70 tal-1996 jirrizulta li l-funzjoni ta' l-istess Direttur tal-Kuntratti hija

limitata ghall-hrug, ipprocessar u accettazzjoni ta' '*tenders'* kif ukoll wahda ta' sorveljanza u tmexxija ta' dan il-process. Fis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2001 il-Qorti tghid li "…… *minn dan jirrizulta li ix-xoghol jew servizz accettat mid-Direttur tal-Kuntratti wara l-istess sejha ghall-offerti skond l-istess regolamenti fin-normalita' tal-kazi dejjem jirreferi u ghandu relazzjoni mal-entitajiet indikati fl-artikolu 3 tal-istess, u d-debitur ikun ovvjament il-persuna jew entita' legali u pubblika li tkun irceviet l-istess servizzi jew oggetti, preferibilment ai termini ta' kuntratt li jigi konkluz wara l-istess procedura tas-sejha tal-offerti.".* F'din l-ahhar sentenza gie wkoll stabbilit li ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 327 l-Universita' ta' Malta ghandha personalita' legali u guridika distinta u tagixxi b'awtonomija. Hi kienet iddikjarat li kellha l-flus ghal dana l-appalt taht il Capital Allocation Vote 111 Item 083 Dok CC1 fol 224 u li kienu saru pagamenti Dok CC3 fol 227.

Illi fil-kawza odjerna, kif diga' ntqal aktar il-fuq, l-'Acceptance of Tender' gie mahrug mid-Direttur tal-Kuntratti izda mid-dokument esebit a fol. 19 et seq. tal-process jirrizulta ampjament li l-kuntratt ta' appalt kien bejn l-Universita' ta' Malta u s-socjeta' attrici. Mill-atti processwali rrizulta wkoll li x-xoghlijiet saru fuq inkarigu u a beneficcju tal-kjamata in kawza. Illi inoltre jekk wiehed jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza dwar il-mertu jinduna li effettivament ix-xoghlijiet saru fuq inkarigu u a beneficcju tal-istess kjamata in kawza.

Illi abbazi ta' dan kollu li ghadu kemm inghad jirrizulta li l-konvenut Direttur tal-Kuntratti m'huwiex il-legittimu kontradittur u li ghalhekk ghandhom jintlaqghu l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu u li konsegwentement huwa ghandu jigi liberat mill-osservsnza tal-gudizzju. Jirrizulta wkoll li hemm relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-kjamata in kawza in kwantu jirrigwarda l-appalt u l-hlas ghax-xoghlijiet indikati fl-imsemmi appalt. Isegwi ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata in kawza ghandha tigi michuda.

**Mertu**

Illi l-kjamata in kawza resqet tlett eccezzjonijiet in kwantu jirrigwarda l-mertu u cioe’

(1) li l-*acceleration costs’* ma kienux dovuti stante li dawn kienu gew stipulati minghajr id-debita awtorizzazzjoni taghha u fi kwalunkwe kaz ix-xoghol ma tlestiex entro t-terminu patwit,
(2) li s-socjeta’ attrici kienet inkorriet diversi penalitajiet fil-kors tal-esekuzzjoni tal-kuntratt u li dawn iridu jigu detrattati mill-ammont reklamat u
(3) li l-kontijiet mahruga mis-socjeta’ attrici gew inkorrettement kalkolati u jridu jonqsu peress li s-socjeta’ attrici naqset milli tapplika d-‘*discount factor’* patwit bejn il-partijiet.

Illi nonostante li nghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, u dan anki bil-procedura tal-affidavit, il-kjamata in kawza naqset milli tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha fil-mertu.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici rrizulta ampjament pruvat li x-xoghlijiet li taghhom qed titlob hlas saru u li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx mill-kjamata in kawza.

Kwantu ghall *acceleration costs* xehed Philip Rizzo, responsabbili ghal Project Management Office, u qal li hu kien tah *struzzjonijiet lil Mekanika Ltd biex, kuntrarjament ghal dak li kien hemm fil-kuntratt, ix-xoghol isir fi tliet fazijiet…Dan kien ifisser progettazzjoni ahjar tax-xoghol ghall Universita’. Pero’ …kien ifisser spejjez ikbar ghalihom (Mekanika) konsistenti fi hlasijiet ta’ overtime lill-impjegati taghhom. Peress li l-istruzzjoni kienet gejja minghandi u kienet tinvolvi bdil sostanzjali ghal kif kien ipprogettat ix-xoghol, jiena kont accettajt li l-Universita’ thallas accelleration costs, u cioe hlas addizzjonali ghall prezz tat-tender, b’kundizzjoni pero’ li l-overtime jigi certifikat minn ufficjal tal-ufficju tieghi, ossija l-Project Management Office. Il-persuna li jiena kont inkarigjat ghal dan il-ghan kien certu Toni Mallia u kien hu li kien jivverifika x’overtime kien qed isir. Jien niftakar li kont approvajt diversi hlasijiet ghall acceleration costs wara li l-*

*ufficjal inkarigat kien iccertifikali li l-overtime kien fil-fatt sar*. (fol 229-230). Dan gie konfermat mix-xhieda Debattista u Degiorgio).

Kwantu ghall penalitajiet imsemmija mill-kjamata fil-kawza fl-eccezzjonijiet taghha, xehed Oliver Degiorgio li qal li meta l-kjamati fil-kawza ma ridux ihallsu, hu kellu laqgha mal Ufficjali ta’ l-Universita’ f’Marzu 1996 u kienet f’dik l-okkazzjoni li tqajjmet l-ewwel darba l-punt tad-Delay Penalties. Dan il-punt qatt ma kien tqajjem qabel u fl-opinjoni tieghu, (u x-xhieda tieghu ma gietx kontradetta) dana l-punt tqajjem biex b’hekk Mekanika tigi f’posizzjoni illi twaqqa’ t-talba taghha li nhadem sahra b’riferenza ghall-arrangament milhuq mal PMO fil-bidu tal-kuntratt (fol 74).

Il-kjamata fil-kawza eccepiet ukoll li l-kontijiet mahruga mis-socjeta’ attrici gew inkorrettement kalkolati. Dwar dawn il-kontijiet, xehed dettaljatament Juan de Battista (fol 58) fejn spjega punt punt kif gie kalkolat l-ammont ta’ Lm53,417.71 li qed jitolbu fic-citazzjoni u esebixxa dokumenti biex jissostanzja dawn il-figuri. Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-kjamata fil-kawza.

Ghahekk it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu fil-konfront tal-kjamata in kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddecidi
billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
tichad l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza;
u tilqa’ t-talba attrici tikkundanna lill kjamata fil-kawza thallas lis-socjeta’
attrici s-somma ta’ Lm53,417 fuq indikata ghax-xoghol lilha nkarigat.
bl-imghax mis- 7 ta’ Lulju 1997,
u bl-ispejjez kollha kontra l-kjamata fil kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------